MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2004

Numru 1677/2003

**SMS Insurance Agency Ltd ghan-nom ta' Ecclesiastical Insurance Office plc kif surrogate fid-drittijiet ta' Helena Joanna Eaton u l-istess Helena Joanna Eaton**
**vs**

**John Mary Seychell**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-28 ta' Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u disa' u sebghin lira u disa' u sittin centezmu (Lm679.69) rapprezentanti danni subiti mill-atturi wara l-incident stradali ta' l-20 ta Dicembru, 2002 fil-post indikat meta l-konvenut kien qed isuq vettura EBY 578 u habat ma' vettura ABF 485 ghal liema ncidentj jahti unikament il-konvenut. Mill-ammont mitlub Lm25 thallsu bhala "excess" mill-attrici Eaton u l-**

**kumplament thallsu mis-socjeta’ attrici bhala s-socjeta’ assikurattrici.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja ta’ l-10 ta’ Marzu, 2003 (Dok A), ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-1 ta’ April, 2003 (Dok B) u ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ghal finijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok C) u bl-imghax dekorribbli skond il-ligi sa l-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fid-19 ta’ Frar, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, it-Tribunal qed jilqa’ t-talbiet attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u erbgha u hamsin lira u disgha u sittin centezmu (Lm654.69) u lill-attrici s-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00), bl-imghax legali mill-1 ta’ April, 2003.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja ta’ l-10 ta’ Marzu,2003 u ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-1 ta’ April, 2003, u ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz ghal finijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------